TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 53

Kaz Nru. 55

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Nicholas Carabott
u
l-Malta Shipbuilding Co. Ltd.
dwar terminazzjoni mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig.

Data : 4 t'Ottubru, 1979.

B'ittra tat-8 t'April 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija, Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Nicholas Carabott mill-Malta Shipbuilding Company Limited, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom l-appellant deher ghalih innifsu waqt li ghal Kumpanija deher is-Sur J. Desira, Administrative Officer ma l-istess Kumpanija.

3. Statements of Case - L-appellant qal li hu kien fil-Korp tal-Fijunieri u ghamel kors ta' bughaddas u meta kkwalifika applika biex jidhol mal-Public Works Department, gie ntervistat, intaghzel u dahal mal-Gvern. Kien bhala mpjegat tal-Gvern li kien beda jaghmel xoghol ghall-Malta

/2. .....

Shipbuilding Company Limited u kien hekk li thajjar li jahdem mal-Kumpanija kemm imhabba l-qliegh ta' flus kif ukoll ghax gie mhajjar kemm minn naha tad-Dipartiment tax-Xogholijiet kif ukoll mid-Direttur tal-Kumpanija stess u kien ghalhekk li telaq minn mal-Gvern u dahal bhala 'Diver' mal-Kumpanija fit-3 t'April 1978 bl-istess kundizzjonijiet tal-ghaddasa l-ohra u gie mwieghed li wara erbat ijiem kellhom jiffirmaw il-kuntratt tax-xoghol izda ghalkemm dan talbu ripetutament qatt ma tawielhu sakemm spicca minn mal-Kumpanija fit-22 ta' Settembru 1978. Izda wara tlett xhur li kien jahdem mal-Kumpanija gie moghti l-kit ta' bughaddas u ghalhekk dan tah x'jifhem li l-kuntratt tax-xoghol kien ser isir. Fic-certifikat ta' 'Temm ta' Impieg' l-unika raguni migjuba kienet li s-servizz tieghu ma kienx aktar mehtieg. Hu kellu l-impressjoni li dan sar imhabba incident meta hu u shabu fuq ordni tal-Union irrifjutaw jinzlu fl-ilma mahmug u kontaminat u li kien ghalhekk li ma rregistrawhx ghax-xoghol il-Labour Office.

<u>Ghall-Kumpanija</u> is-Sur J. Desira ssottometta li ghall-habta ta' Marzu 1978, kien hemm xoghol urgenti xi jsir fil-bini ta' moll gdid u nstab li l-bughaddasa regolari tal-Kumpanija li kienu jahdmu maghha b'kuntratt ma kienux se jlahhqu max-xoghol programmat. Ghaldaqstant ir-Resident Director ghamel arrangamenti temporanji li b'rizultat taghhom l-appellant Nicholas Carabott beda jahdem mal-Kumpanija bil-gurnata (day-to-day basis) bhala 'diver' mad-'divers' l-ohra tal-kumpanija sakemm jitlesta x-xoghol mehtieg. L-appellant dam jahdem mal-Kumpaniji mit-3 t'April, 1978 sat-22 ta' Settembru, 1978 sa liema jum kien hemm xoghol ghalih. F'dan il-perijodu ma sar ebda kuntratt ta' xoghol bejn il-Kumpanija u l-appellant bhal ma taghmel il-Kumpanija, f'kazi ta' mpieg regolari ghaliex il-ftehim konsistenti ma' bzonn temporanju kien li l-appellant Carabott seta' jitwaqqaf mix-xoghol fi kwalunkwe zmien.

/3. .....

Kien meta x-xoghol batta u ma kienx fadal xoghol biex jahdmu d-'divers' kollha li ttiehdet id-decizjoni li jitnaqqas wiehed. L-appellant kien l-uniku bughaddas impjegat bil-gurnata, l-ahhar wiehed li beda jahdem bhala bughaddas mal-Kumpanija u ghalhekk kien ta' bil-fors l-ewwel wiehed li johrog. Id-decizjoni kienet bazata biss fuq htigijiet u mhux fuq imgieba hazina mal-Kumpanija minkejja li r-rekord ta' l-appellant ma kienx tajjeb. Minn dak iz-zmien li l-appellant waqaf mix-xoghol minn mal-Kumpanija ma kienx gie mpjegat ebda bughaddas iehor minn barra u dan jikkonferma li l-ghadd ta' bughaddasa tal-Kumpanija kien bizzejjed ghall-htigijiet kurrenti taghha. Fuq dan il-licenzjament il-Kumpanija kienet ikkonsultat il-Union.

4. Ghall-appellant instemgnu dawn ix-xhieda : L-appellant innifsu minn jeddu, Vincent Mizzi, Gaetano Azzopardi, Joseph Montebello, Joseph Demicoli, Tony Gauci, Tony Vella, Espedito Miceli, il-Perit Joseph Sultana, B.E.&A., A.&C.E., Il-Kumpanija ma kellha ebda xhieda.

5. <u>Xhieda fil-qosor</u> : L-appellant <u>Nicholas Carabott</u> minn jeddu qal li hu kien imgieghel mill-Kumpanija stess biex jitlaq minn mal-Gvern ghax kieku zgur ma kienx jiehdu dan il-pass ghaliex hu kellu familja, u ma kienx jitlaq post mal-Gvern biex imur bhala 'casual'. Qal ukoll li kienu dejjem iweghduh li jaghtuh kuntratt u ma tawh qatt u ga la darba ghadda t-tlett xhur tal-probation suppost li kien tal-post. Zid jghid li meta spicca hu baqghu idahhlu bniedem tmien sighat 'overtime' kull jum ghal certu zmien u dahhlu 'labourer' minghajr licenza ta' bughaddas. Hu qal ukoll li s-Sur Desira kien tah 'statement' kif hu kien mal-Gvern u mar mal-Kumpanija biex jaghtih lill-Ministru Abela izda ma kellux kopja tieghu ghax ma tawhx.

<u>Vincent Mizzi</u> - impjegat mal-Kumpanija qal li wara li spicca l-appellant gieli sar 'overtime'. Qabel kienu jahdmu bix-

/4. .....

xift izda issa kienu kollha f'daqqa. Mistoqsi jekk sarx Montebello bhala bughaddas, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv izda qal li meta ghamlu l-Montebello spicca ix-xift. Qal li kien hemm sitta bughaddasa meta kien hemm l-appellant u issa hemm sitta ukoll, ghax Montebello kien mal-Kumpanija jitghallem imbaghad sar bughaddas. Qal ukoll li l-appellant kien jirsisti u jahdem. Fil-kontro-ezami qal li meta hu beda jahdem mal-Kumpanija fl-l ta' Marzu, 1978, Montebello kien ga mal-Kumpanija izda ma kienx jaf jekk kienx bhala bughaddas ghax fil-fatt Montebello ma kienx gdid imma kien ga mal-Kumpanija.

<u>Gejtu Azzopardi</u> - impjegat bhala 'diver' mal-Kumpanija qal li meta spicca l-appellant kellu jidhol wiehed 'overtime' ghaliex kienu tnejn biss bix-xift. Ma ftakarx jekk il-kit ta' 'diver' lill-Montebello tawhielu qabel jew wara li spicca l-appellant. Ix-xhud kellu licenza ta' 'diver'.

<u>Joseph Montebello</u> - Qal li hu dahal mal-Kumpanija bhala 'machine operator' u gimgha wara hargu l-applikazzjonijiet ghal 'divers', hu applika u ntaghzel hu. Beda bhala 'trainee' u ftit wara tawh il-'kit' meta l-appellant kien ghadu jahdem mal-Kumpanija. Hu kien tghallem id-Drydocks. Hu qatt ma ghamel 'overtime'.

<u>Joseph Demicoli</u> - impjegat mal-Kumpanija bhala 'Chargehand tad-divers', qal li 'overtime' kien qed isir iktar milli kien jinhtieg izda dejjem kienu jkunu tlieta. Meta dahal hu mal-Kumpanija kien hemm tnejn 'trainee divers'. Montebello kien dahal f'Marzu u dan kellu skop li jsir 'diver'.

<u>Toni Gauci</u> - impjegat mal-Kumpanija bhala 'crane operator' qal li kien hemm ntiega ta' xoghol ta' 'divers' u li hu ra lil Montebello jinzel kemm-il darba.

/5. ......

Toni Vella - impjegat bhala 'Foreman' mal-kumpanija qal li l-appellant dejjem hadem tajjeb.

Espedito Miceli - impjegat bhala 'Foreman' mal-kumpanija qal li hu ftakar meta d-Direttur is-Sur Mike Zammit gie li baghtu biex jitlob il-'Foreman' tal-Public Works biex jisselfu lill-appellant biex imur jaghmel xi xoghol mal-Kumpanija u li dejjem ghamel xoghol tajjeb.

Il-Perit Joseph Sultana, B.A. Arch., B. Arch (Hons.), A.& C.E. impjegat bhala Civil Engineer mal-Kumpanija, qal li ma kienx jaf ufficjalment izda kien jisma minn ghand l-appellant stess li d-Direttur ta' dak iz-zmien is-Sur Mike Zammit kien jghidlu biex jitlaq minn mal-Gvern u jigi jahdem mal-Kumpanija u li kien misteru ghalih l-ghala lill-appellant qatt ma tawh kuntratt u zammewh bil-gurnata. Qal ukoll li l-appellant dejjem hadem tajjeb hafna.

6. Sottomissjonijiet finali. L-appellant issottometta li hu kien jahdem mal-'Public Works' bhala 'diver' u xi drabi kien ikun misluf biex jahdem mal-Malta ShipBuilding Company Limited. Billi dawn l-okkazzjonijiet kienu spissi l-Public Works bdew jaghmluha difficli biex jisselfuh. Kien ghalhekk li hu gie mhajjar minn ufficjali,tal-Kumpanija biex jitlaq l-impieg minn mal-Gvern u jahdem mal-Kumpanija. Billi mill-lat finanzjarju kien ra li jaqbillu hu sema mill-ufficjali tal-Kumpanija, telaq minn mal-Gvern u beda jahdem mall-kumpanija regolarment. Sostna li l-impieg tieghu mal-Kumpanija kien fuq bazi regolari u kieku ma kienx hekk ma kienx ser jiehu l-pass li jitlaq post permanenti ghal wiehed 'casual'. Sostna wkoll li l-Kumpanija ma pproduciet ebda xhieda jew dokument li hu kien jahdem maghha 'on day to day basis' u li mix-xhieda tal-Perit Sultana dana jidher car, kienet biss mhabba li l-Kumpanija ma kellix raguni gusta ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu li qed tipprova

tistahba wara l-iskuza ta' 'redundancy'. Anke jekk tassew kien hemm nuqqas ta' xoghol, li fil-fatt ma kienx hemm, qatt ma kellu jispicca l-appellant biex tintela l-vakanza b''diver' iehor li kien ghadu 'trainee diver' meta spicca l-appellant mix-xoghol. L-appellant spicca fit-22 ta' Settembru 1978 u Montebello kien ghadu 'trainee' u gie konfermat 'diver' fis-27 ta' Novembru, 1978. Dan juri li mhux veru kien hemm nuqqas ta' xoghol. Wara li spicca l-appellant kompla sejjer l-'overtime' u dan irrizulta mix-xhieda. Dan kien kontra n-norma, l-logika u s-sens ta' gustizzja. Kien ghalhekk li talab lit-Tribunal jiddikjara li t-temm ta' l-impieg tieghu ma kienx ghall-kawza gusta u jinghata l-kumpens shih dovut lilu.

7. Il-Kumpanija issottomettiet li mix-xhieda li nstemghet ma rrizulta minn imkien li dahal xi 'diver' iehor mal-Kumpanija wara li spicca Nicholas Carabott u dan jikkonferma li ma kienx ghad baqa' xoghol ghalih. L-ghazla waqghet fuqu l-ghaliex hu kien l-uniku 'diver' minghajr kuntratt ta' xoghol ghaliex kien qieghed jahdem bil-gurnata skond il-bzonn sakemm kien hemm il-pressjoni tax-xoghol. Sostniet li Nicholas Carabott, l-appellant, specifikament impjegat mal-Kumpanija fuq bazi temporanja (day-to-day) meta l-Kumpanija kellha bzonn servizzi ta' ghaddasa addizzjonali biex tlahhaq ma xoghol zejjed li kellu dak iz-zmien. Il-Kumpanija kellha servizz regolari ta' 'divers' bil-kuntratt u 'diver' iehor 'trainee' (J. Montebello). Dan it-'trainee' kellu kuntratt regolari maghmul f'Ottubru 1977 u gie konfermat 'Diver' kif ghalaq is-sena training fis-27 ta' Novembru 1978, izda dan il-fatt bl-ebda mod ma jirrifletti l-bzonn attwali ta' 'Divers' f'dak il-waqt. L-appellant, qatt ma seta' jkun impjegat regolari mal-Kumpanija ghax hu ma dahalx skond il-'policy' stabbilita mill-Kumpanija li kienet bi ftehim mal-Union meta jkun hemm vakanzi l-ewwel tipprova timlihom minn nies li ga jahdmu maghha b'"internal call." Jekk ma

ssibx tirrikorri ghand id-Direttur tax-Xoghol u jekk jibqa' vakanzi, bil-permess tad-Direttur tax-Xoghol, il-Kumpanija taghmel 'public call' permezz ta' avvizi fil-gazzetti u l-applikanti kollha jigu ntervistati minn Bord apposta. L-appellant ma dahalx b'din il-procedura ghax kien biss 'temporanju', sakemm jinhass il-bzonn li jinzamm. Dak iz-zmien li dahal l-appellant il-Kumpanija kellha 'trainee diver' li kien ga impjegat regolari u li kien applika biex isir 'Diver' wara sejha interna li kienet saret f'Ottubru 1977 meta dan it-'trainee diver' (J. Montebello) diga kien jahdem mal-Kumpanija bhala 'Labourer'. L-appellant ma tellax lis-Sur Mike Zammit bhala xhud ta' dak kollu li allega. Jekk l-'overtime' zdiedx jew naqas ma kienx materjali ghall-kaz. Montebello kellu kuntratt mal-Kumpanija li jigi konfermat 'diver' hekk kif jghaddi l-perijodu ta' tahrig kif fil-fatt sar fis-27 ta' Novembru,1978.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. Wara dawn is-sottomissjonijiet, it-Tribunal hass li kien hemm punti li gew sottomessi miz-zewg partijiet li kellhom jigu iccarati ghalhekk ordna li tinstema' ix-xhieda tas-Sur Michael Zammit l-ex Resident Director tal-Kumpanija. Mix-xhieda u d-dokumenti sottomessi hareg :

a) li hadd ma qatt hajjar lill-appellant biex jitlaq il-post permanenti tieghu mal-Gvern biex jidhol jahdem mal-Kumpanija. Ikkonferma li l-appellant kien fuq 'day to day basis' u billi x-xoghol kien ta' 'construction,' hadd inqas il-haddiema l-ohra ma setghu jkunu fuq bazi permanenti;

b) li l-appellant inqas ma kien dahal mal-Kumpanija skond is-sistema ta' reklutagg approvata mill-Kumpanija bi ftehim mal-Union ghax kien fuq bazi ta' 'day to day';

/8. .....

c) li l-htiega ta' 'overtime' ghall-ghaddasa kienet tiddependi minn natura tax-xoghol skond ic-cirkostanzi tal-gurnata;

d) li J. Montebello li sar 'temporary diver' wara li l-appellant kien gie dikjarat 'redundant' kien gie ngaggat mal-Kumpanija skond is-sistema approvata ta' reklutagg u kien gie maghzul bhala 'trainee diver' wara sejha interna mill-impjegati tal-Kumpanija taht il-kundizzjoni li jinhatar 'Temporary Diver' meta u jekk jispicca l-perijodu ta' tahrig b'success. Dan sar fis-26 t'Ottubru 1977, jigifieri qabel ma l-appellant dahal jahdem on day to day basis mal-Kumpanija fit-3 t'April 1978 u kien wara li dan temm it-tahrig b'success li fit-28 ta' Novembru, 1978, jigifieri wara li spicca l-appellant fit-22 ta' Settembru, 1978, li gie konfermat 'Temporary Diver'. Ghalhekk dan ma ssostitwiex lill-appellant ghax dan kien taht kuntratt mal-Kumpanija u kien qed jahdem bhala 'trainee diver' qabel ma l-appellant biss kien ingaggat 'on day to day basis';

e) li ma kienx hemm xoghol izjed ta' 'diver' ghall-appellant u ghalhekk gie meqjus 'redundant'.

9. Award. Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal ma jsibx li t-terminazzjoni ta' Nicholas Carabott mill-Malta Shipbuilding Company Limited, kienet ingusta u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. Bartolo Parnis
Segretarju

G. ~~A.~~ Craig
Chairman

em